



Dokument ta' sessjoni

B8-1251/2015

16.11.2015

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-kanċer tal-frixa

Aldo Patriciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-kanċer tal-frixa

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 168 tat-TFUE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fil-Punent, il-kanċer tal-frixa huwa t-tmien kanċer l-aktar komuni fost l-irġiel u d-disa' l-iktar mifruq fost in-nisa;
- B. billi fl-Ewropa, ir-rata ta' mortalità assoċjata mal-kanċer tal-frixa qed jiżdied, filwaqt qed tonqos ir-rata marbuta ma' tumuri oħra;
- C. billi l-fatturi ewlenin ta' riskju marbuta mal-mard tal-kanċer tal-frixa huma t-tipjip, l-obeżità u d-dijabete, għalkemm għadhom mhux magħrufa każijiet oħra, kif ukoll dak li jinfluwenza l-progress tiegħu;
- D. billi l-prevenzjoni, id-dijanjosi u t-trattament diġà taw kontribut biex tiżdied ir-rata ta' sopravivenza ta' pazjenti li jsofru minn tipi oħra ta' kanċer;
- 1. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex fl-Istati Membri jiżdied l-għarfien tal-kawżi magħrufa assoċjati mal-kanċer tal-frixa, il-prekawzjonijiet li ċ-ċittadini Ewropej jistgħu jieħdu u l-importanza ta' dijanjosi bikrija sabiex tiżdied it-tama ta' fejqan ta' pazjenti effettwati mill-kanċer inkwiżjoni.